V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9397 — Mirova/GE/Desarrollo Eólico Las Majas)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 257/03)

1. Fit-23 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifka tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mirova, li taġixxi bħala kumpanija ta' ġestjoni ta' Mirova-Eurofideme 3 (Franza), li fl-aħħar mill-aħħar hija proprjetà ta' Banque Populaire Caisse d'épargne ("BPCE", Franza),

— General Electric Company ("GE", l-Istati Uniti),

— Desarrollo Eólico Las Majas XIX, S.L.U. (Spanja), ikkontrollata mill-grupp Forestalia.

Mirova u GE jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Desarrollo Eólico Las Majas XIX. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Mirova hija fond ta' kapital ta' riskju Franċiż li jiffoka fuq fondi responsabbli għall-ġestjoni tal-investiment għal investituri istituzzjonali f'diversi kategoriji ta' assi, fost l-oħrajn l-enerġija rinnovabbli u l-infrastrutturi ewlenin, l-ekwitajiet sostenibbli u l-bonds ħodor,

— GE hija kumpanija dinjija tal-manifattura, itteknoloġija u s-servizzi. L-attività ewlenija tal-unità tan-negozju tagħha GE Energy Financial Services hija l-investiment fis-settur tal-enerġija. L-unità tan-negozju tagħha, GE Renewable Energy, tforni prodotti u servizzi lil klijenti li jiġġeneraw l-enerġija mir-riħ, mill-ilma u mix-xemx, inklużi l-manifattura u l-manutenzjoni ta' turbini tar-riħ,

— Desarrollo Eólico Las Majas XIX hija kumpanija azzjonarja, li se jkollha tliet proġetti tal-park eoliku f'Aragona, Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9397 — Mirova/GE/Desarrollo Eólico Las Majas

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË